



Brussell, 19 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

11235/1/24
REV 1

LIMITE

ELARG 89
FIN 574
BUDGET 42
JAI 1049
ASIM 59
MIGR 283

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: ST 10745/24	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 06/2024 mill-Qorti tal-Awdituri: "Il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija: Ta' benefiċċju għar-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti, iżda l-impatt u s-sostenibbiltà għadhom mhumiex żgurati"

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża l-konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, kif approvati mill-Kunsill (Ambjent) fis-17 ta' Ġunju 2024.

1. Il-Kunsill ifakkar li l-"Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija" tal-UE nħolqot bħala tweġiba għal kriżi tar-refuġjati bla preċedent li ffaċċjaw l-UE u t-Turkija. L-UE u l-Istati Membri tagħha ħadu impenn li jassistu lit-Turkija tegħleb din l-isfida. Il-Kunsill ifaħħar l-isforzi konsiderevoli tat-Turkija biex tospita u taqdi l-ħtiġijiet ta' aktar minn erba' miljun refuġjat, u jilqa' d-djalogu kontinwu bejn l-UE u t-Turkija fil-qafas tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija. F'konformità mal-konklużjonijiet tiegħu dwar it-Tkabbir tat-12 ta' Diċembru 2023, il-Kunsill itenni l-importanza tal-implimentazzjoni sħiħa u nondiskriminatorja tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija, li għadha l-qafas ewlieni għall-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni.
2. Il-Kunsill ifakkar li l-Faċilità, li tiegħu ħsieb total ta' EUR 6 biljun, tipprevedi mekkaniżmu konġunt ta' koordinazzjoni u hija mfassla biex tiżgura li l-ħtiġijiet tar-refuġjati u tal-komunitajiet ospitanti fit-Turkija jinqdew kif xieraq. L-oqsma ta' prijorità ewlenin tal-Faċilità huma l-ġhajjnuna umanitarja, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-infrastruttura municipli, u l-appoġġ soċjoekonomiku.
3. Il-Kunsill jirringrazzja lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri għar-Rapport Speċjali tagħha Nru 06/2024 dwar il-Faċilità u jqis sew il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fih. Il-Kunsill jinnota li l-oġettiv tal-awditu, li kopra l-perjodu minn Diċembru 2022 sa Lulju 2023, kien li jivvaluta jekk il-Faċilità appoġġatx lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti fit-Turkija b'mod effiċjenti, effettiv u sostenibbli, b'enfasi fuq il-fergħa tal-iżvilupp tal-appoġġ ipprovdut. Il-Kunsill jinnota li dan ir-Rapport Speċjali jagħti segwitu wkoll għar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Qorti fir-Rapport Speċjali Nru 27/2018 tagħha, li kkonċentra fuq it-tfassil tal-Faċilità u l-fergħa umanitarja tal-finanzjament.

4. Il-Kunsill jilqa' b'mod ġenerali l-konklużjoni ġenerali tal-Qorti li, f'kuntest iebes, il-Faċilità pprovdiet appoġġ rilevanti lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti. Il-Kunsill jilqa' wkoll is-sejba li l-Kummissjoni tejbet il-funzjonament tal-Faċilità f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-2018, pereżempju billi tejbet il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u saħħet il-qafas ta' monitoraġġ, issimplifikat l-istrumenti ta' finanzjament, tejbet il-koordinazzjoni tal-ġhajjnuna, u tejbet konsiderevolment l-effiċjenza ta' proġetti ta' assistenza fi flus kontanti. Il-Kunsill jissottolinja wkoll l-importanza strateġika ta' tranżizzjoni sostenibbli, bil-ħsieb li tinkiseb sjieda akbar u impenn kontinwu mill-awtoritajiet Torok, u jinnota l-isforzi tal-Kummissjoni biex tgħaddi proġetti f'idejn l-awtoritajiet. Il-Kunsill jinnota wkoll l-isforzi mill-Kummissjoni biex ittejjeb l-ambjent operattiv għal organizzazzjonijiet mhux governattivi (internazzjonali) u jfakkar fir-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet Torok għal dan l-għan.
5. Il-Kunsill jilqa' l-valutazzjoni tal-Qorti li l-Faċilità pprovdiet appoġġ rilevanti u tat ir-riżultati ppjanati, partikolarment fl-oqsma tas-saħħa u l-edukazzjoni, għalkemm l-appoġġ fil-qasam soċjoekonomiku u l-infrastruttura muniċipali ġie vvalutat bħala inqas avanzat. Il-Kunsill jieħu nota wkoll tal-valutazzjoni pożittiva tal-Qorti li l-Kummissjoni wieġbet malajr u b'mod effiċjenti wara t-terremoti ta' Frar 2023, li kellhom impatt konsiderevoli fuq l-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati mill-Faċilità.
6. Il-Kunsill jieħu nota tal-valutazzjoni tal-Qorti li huwa meħtieġ titjib f'termini ta' sostenibbiltà u kejl tal-impatt tal-appoġġ implimentat taħt il-Faċilità, speċjalment fir-rigward tal-appoġġ soċjoekonomiku u l-proġetti ewlenin dwar l-edukazzjoni u s-saħħa. F'dan ir-rigward, il-Kunsill qies sew l-erba' rakkomandazzjonijiet li l-Qorti għamlet lill-Kummissjoni li: ittejjeb il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-ispejjeż; thegġegħ lill-awtoritajiet Torok biex jagħmlu disponibbli aktar data rilevanti dwar l-edukazzjoni rigward ir-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti; ittejjeb il-kejl tal-impatt tal-proġetti; issaħħaħ is-sostenibbiltà tal-proġetti.

7. Il-Kunsill iqis it-tweġibiet tal-Kummissjoni meħmuża mar-Rapport Speċjali fosthom li l-Kummissjoni aċċettat tlieta minn erba' rakkomandazzjonijiet, u jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni diġà bdiet tindirizzahom, partikolarment dak li għandu x'jaqsam mas-sistemi ta' monitoraġġ u kwistjonijiet ta' ġestjoni tad-data, kif ukoll kwistjonijiet speċifiċi identifikati fir-Rapport Speċjali fl-oqsma tas-saħħa u l-edukazzjoni. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni aċċettat parzjalment ir-rakkomandazzjoni dwar il-bidu ta' diskussjoni mal-Istati Membri u l-awtoritajiet Torok dwar kif tiġi żgurata s-sostenibbiltà biex timmassimizza l-impatt tal-finanzjament tal-Faċilità għall-benefiċjarji. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jagħraf li l-Kummissjoni m'għandhiex kontroll fuq l-implimentazzjoni sħiħa ta' din ir-rakkomandazzjoni.
8. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tinforma regolarment lill-Kunsill u lill-Kumitat ta' Tmexxija tal-Faċilità, dwar il-kwistjonijiet li jqajjem ir-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri u dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet imsemmijin hawn fuq, u biex tiżgura li jiġu indirizzati sistematikament u, kemm jista' jkun possibbli, kompletament. Mingħajr preġudizzju għal diskussjonijiet futuri potenzjali dwar l-appoġġ addizzjonali għar-refuġjati bħala parti minn strateġija koerenti, effiċjenti u komprensiva ta' appoġġ għar-refuġjati, il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni tirrifletti s-sejbiet tar-rapport fil-programmazzjoni tagħha tal-appoġġ addizzjonali għar-refuġjati fit-Turkija, partikolarment dwar l-impatt u s-sostenibbiltà, kif ukoll fid-diskussjonijiet tagħha mal-awtoritajiet Torok, f'konformità mal-kontinwazzjoni tal-appoġġ tal-UE għar-refuġjati Sirjani fit-Turkija kif deċiż mill-Kunsill Ewropew fil-qafas tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 fl-1 ta' Frar 2024.